TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

George Whelpdale

vs

World Marketing Limited u b'digriet tat-23 ta' Settembru 2020 l-isem tas-socjeta' intimata gie mibdul ghal World Marketing Services Limited.

CCT 47/2020

25 ta' Novembru 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-18 ta' Marzu 2020 fejn talab ir-rifuzjoni ta' €490.00, prezz ta' magna Nutrimix li nxtrat mis-socjeta' intimata liema magna kienet difettuza u perikoluza u mhux tajjeb ghall-uzu taghha.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn eccepiet in linea preliminari illi l-kumpanija World Marketing Limited m'ghadhiex tezisti u m'ghandhiex relazzjoni guridika mar-rikorrent; illi wkoll preliminarjament, it-talba hija irita u nulla billi fil-formola tat-talba mkien ma gie specifikat l-ilment tar-rikorrent, meta l-ilment irid jigi dikjarat fil-formola tat-talba hu mhux dezunt minn dokumenti annessi; oltre lanqas biss gew annessi d-dokumenti li saret referenza ghalihom; illi fil-mertu il-hsara gejja minn uzu hazin tal-prodott mir-rikorrent. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2020, l-ewwel eccezzjoni giet irtirata wara li t-Tribunal laqa' talba mir-rikorrent ghal korrezzjoni fl-okkju, u ghalhekk qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Ra l-atti kollha ta-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni u cjoe' li t-talba hija irrita u nulla billi l-formola tat-talba mkien ma gie speciikat l-ilment tar-rikorrent meta l-ilment irid jigi dikjarat fil-formola tat-talba u mhux dezunt minn dokumenti annessi, it-Tribunal wara li ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-18 ta' Marzu 2020, ma jistax jaqbel ma' din l-eccezzjoni. Fil-formularju

stess, hemm indikat illi tista' tehmez karti jekk l-ispazju provdut mhuwiex bizzejjed, kif jidher illi ghamel ir-rikorrent. Apparti minn hekk, ir-rikorrent iffirma t-talba, indika d-dettalji kollha rikjesti u rrefera ghall-karti annessi, kif fil-fatt kellu jaghmel. Ghalhekk din l-eccezzjoni tirrazenta l-fieragh u qed tigi michuda.

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu, jirrizulta mill-provi u mhux kontestat illi f'April 2019, ir-rikorrent xtara magna Nutrimix minghand is-socjeta' intimata ghall-prezz ta' €490.00. Xi sitt xhur wara, hareg in-nar minnha u r-rikorrent hadha immejatament ghand il-kumpanija u qalulu li kienu ser jaraw x'kellha u jkellmuh lura. Dakinhar, ir-rikorrent insista ghal magna gdida, pero' accertawh illi l-magna ma kellha xejn u wara li gie *technician* fl-ufficju u urih li l-magna kienet tajba, kien lest li jiehu l-kelma tat-*technician* u accetta li jehodha lura. Ftit granet wara, l-magna rega' gralha l-istess - u cjoe' hareg il-hruq minnha u rega' mar lura ghand is-socjeta' intimata. Din id-darba tawh wiehed gdid, ittestjawaha u kienet tahdem u hadha d-dar. Wara tlett xhur regghet ghamlet l-istess - i.e. hareg in-nar minnha. Rega' hadha ghandhom u qalulu li l-problema kienet li l-boxxla tal-*flask* kien imkisser. Din id-darba ma riedx jiehu l-magna lura minhabba li skond hu dan kien riskju u periklu ghalih, u ghalhekk meta cemplulu biex jigi jigbru, halla l-magna hemm. Kienu offrewlu biex imur ghal laqgha ghal *'proper after-sales service so that the issue would not happen again'*, imma irrifjuta li jmur ghaliex kien diga' mar ghandhom kemm il- darba u ma deherlux illi kellu jaghtihom cans iehor.

Illi xehdet ukoll Nancy Buhagiar, rapprezentanta tas-socjeta' intimata li qalet illi meta l-magna bdiet bil-problemi u beda johrog id-duhhan minnha, huma riedu jiskopru x'kienet il-problema. Fil-fatt meta huma tawh magna gdida, zammu l-antika u esperimentaw fuqha biex jiskopru l-problema u hemmhekk indunaw illi xi haga ma kenitx qed issir tajjeb min-naha tal-klijent. Fil-fatt Buhagiar tghid li sal-gurnata tal-lum, il-magna originali ghadha tahdem u qed tintuza ghal finijiet ta' taghlim. Fil-fatt kienu stiednu lir-rikorrenti biex imur jaghmel taghlim 'after-sales' biex jikkoregi l-uzu hazin li skond huma kien qed jaghmel ir-rikorrent fejn qed issir *overheating* tal-magna. Ghalkemm ir-rikorrent kien semma sessions fejn huwa mar ghandhom, dawn kienu lezjonijiet tat-tisjir u mhux ghat-taghlim ta' kif ghandek tuza l-magna. Qalet ukoll illi anke hi, gieli tizbalja meta tuza l-magna u minn mindu bdiet tesperimenta fuqu, gieli tinduna hi ikoll li jkun sar zball. Jista' jaghti kaz per ezempju li jekk tuza buttuna flok ohra jew titfa ingredjent parikolari, dan jista' jikkawza *overheating*.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob ir-rifuzjoni tal-prezz ta' magna Nutrimix mixtrija mis-socjeta' intimata peress illi skond hu, din il-magna hija difettuza u perikoluza. Min-

naha l-ohra, s-socjeta' intimata qed targumenta illi d-difett kien kawza u rizultat ta' uzu hazin min-naha tar-rikorrent.
Illi skond l-artikolu 58 tal-Kap 378, il-parti aggravata jkollha biss il-piz li ggib prova dwar il-hsara, id-diffett u r-relazzjoni kazwali bejn il-hsara u d-diffett. Imbaghad l-artikolu 60 jipprovdi li prodott ikun difettuz jekk dan jonqos milli jipprovdi dik is-sigurezza li persuna jkolla jedd li tistenna minnu fil-qies tac-cirkostanzi kollha inkluzi: l-prezentazzjoni tal-prodott, kif ikun tmexxa fis-suq u kull direzzjoni u twissija li jkunu gew pprovduti; liema uzu jista' jkun ragonevolment mistenni mill-prodott ...

Illi skond dak li xehed ir-rikorrent l-ewwel darba illi ha l-magna ghat-tiswija, ghalkemm xtaq magna gdida, accetta illi jiehu lura l-magna originali ghaliex it-*technician* qallu li l-magna ma kien fiha xejn hazin. Dan kien fit-8 ta' Ottubru. Meta ftit jiem wara rega' gara l-istess, mar lura u biddilha ghal wahda gdida - dan kien fit-30 ta' Ottubru. Xahrejn wara, f'Jannar 2020, rega' gara l-istess - hareg in-nar/ duhhan minnha u kien hemm riha ta' hruq. Fil-10 ta' Jannar 2020 ircieva telefonata mis-sur Apap li qallu li ser jibghatuha barra ghand is-*supplier* ghax ma setghux issibu x'ghandha . Fil-15 ta' Jannar qalulu illi l-boxxla ta' taht l-iskrun kien imkisser u qalulu li ser jirrangawha u i jcemplulu lura. Fil-21 ta' Jannar cemplulu u qalulu li l-magna kienet lesta, pero' r-rikorrent ma riedhiex ghax skond hu, l-magna kienet perikoluza.

Issa ghalkemm is-socjeta' intimata qed tghid illi d-difett fil-magna gej mill-uzu hazin illi ghamel minnu r-rikorrent, hareg car, anke mix-xhieda ta' Nancy Buhagiar, illi l-magna in kwistjoni mhijiex daqstant facli biex tahdimha u kif qalet Buhagiar stess, sa' meta bdiet il-kawza (u anke wara) kienet qieghda tesperimenta fuq il-magna l-antika tar-rikorrenti, fejn gieli ghamlet zbalji hi ukoll. Jekk Buhagiar, illi mhux biss tbigh dawn il-magni izda toffri l-lezjonijiet fuqhom u fuq kif ghandek tuza l-ingredjenti fil-magna, kapaci taghmel l-izbalji, mhuwiex haga kbira illi r-rikorrent gralu l-istess haga. It-Tribunal ihoss illi fic-cirkostanzi, l-istruzzjonijiet li s-socjeta' intimata offriet lir-rikorrent, misshom isiru qabel, meta l-klijent juri interess serju u genwin fl-oggett li jkun ser jixtri. Dawn l-istruzzjonijiet ghandhom ikunu cari, semplici u fejn hemm bzonn akkumpanjati minn ritratti jew dijagrammi li jiffacilitaw l-uzu korrett tal-oggett.
3 minutes ago
Ix-xerrej ta' kwalunkwe oggett ghandu dritt jistenna li l-oggett mixtri jista' jintuza minn persuna ragonevolment u facilment, minghajr kumplikazzjonijiet zejda u minghajr periklu. Certament mhux mistenni li jrid joqghod jesperimenta jew icempel ghall-ghajnuna kull darba, biex jiehu r-rizultat mixtieq. Dan ma kienx l-ewwel darba li r-rikorrent ilmenta mas-socjeta' intimata, izda t-tielet darba, wara diversi xhur u jekk is-socjeta' intimata, issa qieghda toffri dan is-servizz, ir-rikorrent ghandu kull dritt illi jirrifjuta f'dan l-istadju. It-twissijiet u d-direzzjoni ta' kif ghandu intuza dan il-prodott missu saru ferm qabel kif inghad.

Ghalhekk, wara li t-Tribunal ra l-artikoli 60, 73(1), 74, 76(1) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta, jidhirlu illi r-rikorrenti rnexxielu jipprova l-istanza tieghu.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lis-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' €490.00 . Bl-ispejjes kontra taghha.

Michela Spiteri Av.
Arbitru